L-Indiċi tal-Produzzjoni Industrijali (IIP): Settembru 2026

NR 202/2026 | L-Istatistika Bikrija tan-Negozju | Data tal-Ħruġ: 06/11/2026 | Data tal-Għeluq: 02/11/2026

Aħbarijiet | Tabelli | Metodoloġija



Il-Punti ewlenin

- F'Settembru 2026, il-produzzjoni industrijali żdiedet b'7.1 fil-mija meta mqabbla ma' Settembru 2025.
- L-akbar żieda annwali fil-produzzjoni industrijali fost l-oqsma magħżula kienet irreġistrata fil-produzzjoni tal-injam, prodotti tal-karta, u l-istampar (27.1 fil-mija).
- Meta mqabbel mal-istess xahar tal-2025, l-akbar żieda fil-produzzjoni fost il-gruppi industrijali ewlenin sehhet fl-enerġija (16.6 fil-mija).
- Il-produzzjoni industrijali sħiħa telgħet bi 2.3 fil-mija meta mqabbla ma' Awwissu 2026.

Il-Kummentarju

F'Settembru 2026, l-indiċi tal-produzzjoni industrijali sħiħa rreġistra żieda ta' 7.1 fil-mija meta mqabbel mal-istess xahar tal-2025.


L-Indiċi tal-Produzzjoni Industrijali (IIP) huwa indikatur taċ-ċiklu tan-negozju. Kull xahar, huwa jieħu qies bikri tat-tibdil fil-volum tal-produzzjoni industrijali tan-negozji domestiċi fil-manifattura, l-enerġija, u l-barrieri f'Malta.

Il-Produzzjoni Industrijali Sħiħa – Tqabbil mas-sena ta' qabel

F'Settembru 2026, l-indiċi tal-produzzjoni industrijali żdied b'7.1 fil-mija meta mqabbel ma' Settembru 2025. Meta kienet eskluża l-enerġija, l-indiċi tela' b'6.7 fil-mija (Tabella nru 1 u Ċart nru 1).

Ċart nru 1. Il-Produzzjoni Industrijali Sħiħa – Tqabbil mas-sena ta' qabel

Id-differenza perċentwali li tħaroġ mit-tqabbil mal-istess xahar tas-sena ta' qabel




Il-Produzzjoni tal-Manifattura – Tqabbil mas-sena ta' qabel b'oqsma magħżula

F'Settembru 2026, il-produzzjoni tal-manifattura żdiedet b'6.6 fil-mija. L-akbar żieda kienet irreġistrata fil-produzzjoni tal-injam, prodotti tal-karta, u l-istampar (27.1 fil-mija). Wara dawn, kien hemm żieda fi prodotti tal-kompjuters, tal-elettronika u tal-vista, u ta' vetturi bil-mutur (23.4 fil-mija), u ta' prodotti kimiċi u tal-farmaċewtika (13.8 fil-mija). Min-naħa l-oħra, kien irreġistrat tnaqqis fil-produzzjoni ta' prodotti tal-lastku, plastik, u prodotti oħra minerali mhux tal-metall (11.4 fil-mija), ta' manifattura oħra (6.8 fil-mija), u ta' prodotti tal-ikel u xorb (0.6 fil-mija) (Ċart nru 2).

Ċart nru 2. Il-Produzzjoni tal-Manifattura – Tqabbil mas-sena ta' qabel b'oqsma magħżula

Id-differenza li tħaroġ mit-tqabbil mal-istess xahar tas-sena ta' qabel




Il-Produzzjoni Industrijali – Tqabbil mas-sena ta' qabel maqsum bil-gruppi industrijali ewlenin

Il-Gruppi Industrijali Ewlenin (MIGs) jagħtu analiżi alternattiva tal-istatistika tal-attività ekonomiċi kklassifikati skont kategoriji ta' użu aħħari. Huma jgħaqqdu flimkien diversi taqsimiet, gruppi u klassijiet tan-NACE (ara t-tabella fil-metodoloġija għal aktar tagħrif).

F'Settembru 2026, żidiet fil-produzzjoni kienu rreġistrati fil-gruppi industrijali ewlenin kollha. L-akbar żieda fil-produzzjoni kienet irreġistrata fl-enerġija (16.6 fil-mija). Wara din, kien hemm l-oġġetti kapitali (15.9 fil-mija), l-oġġetti intermedji (4.3 fil-mija), u l-oġġetti tal-konsum (4.1 fil-mija) (Ċart nru 3).

Ċart nru 3. Il-Produzzjoni Industrijali – Tqabbil mas-sena ta' qabel maqsum bil-gruppi industrijali ewlenin

Id-differenza perċentwali li tħaroġ mit-tqabbil mal-istess xahar tas-sena ta' qabel




Il-Produzzjoni Industrijali aġġustata għall-effetti tal-istaġun – Tqabbil max-xahar ta' qabel

Dehra aktar ċara tal-iżviluppi ekonomiċi tista' tinkiseb meta l-indiċijiet ikunu aġġustati għall-effetti tal-istaġun. Dawn l-effetti, li jitfaċċaw minn żmien għal żmien, jitneħħew mis-serje tal-indiċi sabiex ikunu jistgħu jsiru l-paraguni xahar ma' xahar (ara punti nri 5 u 6 fil-metodoloġija).

F'Settembru 2026, l-indiċi tal-produzzjoni industrijali aġġustat għall-effetti tal-istaġun tela' bi 2.3 fil-mija meta mqabbel ma' Awwissu 2026 u kien ta' 123.8 punt (2021=100) (Tabella nru 3 u Ċart nru 4).

Ċart nru 4. Il-Produzzjoni Industrijali aġġustata għall-effetti tal-istaġun – Tqabbil max-xahar ta' qabel

Indiċi (2021 = 100)



L-Istatistika Bikrija tan-Negozju

Stqarrijiet tal-Aħbarijiet Oħra

L-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali (IPPI): Settembru 2026

L-Indiċi tal-Produzzjoni Industrijali (IIP): Awwissu 2026

L-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali (IPPI): Awwissu 2026

L-Indiċi tal-Produzzjoni Industrijali (IIP): Lulju 2026

L-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali (IPPI): Lulju 2026

Temi Oħra Relatati

Ir-Reġistru tal-Istatistika tan-Negozju

L-Istatistika Strutturali tan-Negozju

Għal mistoqsijiet ikkuntattja:

stbs.nso@gov.mt

Għal aktar data, jekk joġħġbok żur:

L-Indikaturi Magħżula